MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Numru 1199/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Elton Taliana**

**vs**

**Donna Micallef**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputata Donna Micallef ta’ 21 sena, mwielda Pieta’ nhar it-18 ta’ Lulju 1988, bint Joseph u Beatrice nee’ Camilleri, residenti 83, l-Ghorfa, Triq il-Knisja, Xghira u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 339888(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

Nhar is-17 ta’ Settembru 2009 ghall-habta tal-hdax ta’ filghodu (11.00Hrs) u fil-gimghat ta’ qabel din id-data, gewwa Triq il-Fniek, Birkirkara ikkommettiet serq ta’ top

up cards liema serq ma jiswiex aktar minn mitejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) ghad-dannu tal-kumpanija Vodafone, liema serq huwa aggravat bil-'persuna'.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta' Jannar 2010 (esebit a fol. 9 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tat-22 ta'Jannar 2010 iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar tat-22 ta' Jannar 2010 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuza migjuba kontra taghha.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata rregistrat ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, l-fatt li hija kkoperat bis-shih fil-kors ta' l-investigazzjonijiet, l-fatt li ghandha fedina penali netta kif ukoll li l-ammont involut thallas lura in parte.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 261 u 270 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha kif minnha

ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien sena(1) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------